MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 1000/2003/1

**Anatole Baldacchino**

**vs**

**Baby World Limited**

**Il-Qorti,**

Bis-sentenza taghha tat-8 ta’ Jannar, 2010 din il-Qorti ammettiet lill-attur appellanti li jressaq il-provi okkorrenti in mertu ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta. B’hekk gie ezawrit l-ewwel aggravju sottopost lilha mill-attur. Jifdal issa x’jigi konsiderat iz-zewg ilmenti l-ohra tieghu fil-mertu, jigifieri jekk it-Tribunal ghamelx apprezzament errat tat-talba principali tieghu u tal-veru rwol tieghu ta’ *accountant* fir-rapport mal-kumpanija;

Jinghad b’introduzzjoni bhala ipotesi ta’ dritt illi materja ta’ apprezzament giet dejjem imhollija interament “*alla*

*prudenza del guidice*" (**Giorgi** "**Teoria delle obbligazioni**", Vol IV para. 82) u din il-Qorti ta' revizjoni, biex tiddipartixxi minn din il-prerogattiva u tiddeciedi favur l-appellanti trid tkun pjenament konvinta li, skond it-test tal-verosimiljanza, il-versjoni tieghu hi dik l-aktar attendibbli u kredibbli. Ben attiz il-principju generali li l-piz tal-prova jaggrava dejjem fuq il-parti li tallega l-fatti migjuba ghas-sostenn tad-domanda tieghu, sija jekk din hix dik principali jew fil-forma ta' kontro-talba, issa li l-istruttorja tal-kaz hu wiehed komplet bil-provi li nstemghu anke f'din l-istanza, il-Qorti hi issa in grad li tiddeciedi z-zewg ilmenti sottoposti ghall-ezami taghha;

Jibda biex jigi registrat illi fil-fehma tal-Qorti l-qofol tal-kwestjoni qieghed fuq l-arrangament ezatt li sar bejn il-partijiet. Fl-Affidavit tieghu a fol. 19 u *in calce* ghax-xhieda tieghu a fol. 254 l-attur appellanti jipprovdi dettalji tal-prestazzjonijiet ghal-liema hu gie inkarigat mis-socjeta` konvenuta u dwar liema qieghed jinsisti ghall-hlas skond it-talba principali tieghu. In generali hu kellu jiehu hsieb l-*accounting records* tal-kumpanija, ossija l-preparazzjoni ta' *records* ghal skopijiet fiskali, il-preparazzjoni tal-FSS taht il-ligi tas-sigurta` socjali, l-mili tal-formoli ta' l-istatistika u dokumenti affini. Jispjega intolre illi f'xi zmien id-Dipartiment tal-VAT ghamel investigazzjoni u kellu jinvolvi ruhu fil-preparazzjoni ta' dokumenti intizi ghal dak l-iskop. L-elenku ta' l-onorarju tieghu ghal dawn il-prestazzjonijiet hu dettaljat fl-Istatement of Account a fol. 22;

Jidher li t-Tribunal impressjona ruhu mill-fatt illi l-attur kien baghat kont ta' Lm487.03 (Dok. A1 a fol. 48) u konsegwentement skarta l-Istatement of Account predett. Kontra dan tezisti in atti l-ispjegazzjoni ta' l-attur meta xehed fl-udjenza tas-7 ta' Ottubru 2004 (fol. 43). Huwa jghid li ghalkemm kien akkorda lis-socjeta` konvenuta sa Frar 2003 biex tissalda dak il-kont, ir-rapprezentanti ta' l-istess socjeta` kien talbu jghinu fil-mili tat-*tax returns* ghal xi snin precedenti u kien ghalhekk li dak il-kont kellu jizdied sa l-ammont tas-somma pretiza minnu bl-Avviz.

Effettivament, kalkolu anke superficjali ghandu juri illi meta dak il-kont (fol. 48) jigi addizzjonat ma’ l-ammonti ta’ Lm310.50 u Lm11.50 ghal *company tax returns* u *personal tax returns* li skond l-Istatement of Account (fol. 22) jinghad li saru fis-sena 2003, tali jikkorrispondi ghac-cifra ta’ Lm809.03 kif mill-attur pretiz;

Da parti tieghu r-rapprezentanti Gerald Zammit, direttur tal-kumpanija, jirribatti li hu ma jaqbelx la mal-kont u lanqas ma’ l-Istatement of Account. Minn dak li xehed a fol. 84 *et sequitur* tal-process jidher li l-kontenzjoni bazika tieghu hi dik li l-attur ma qediex il-mansjonijiet tieghu u ma pprestax is-servizzi li jghid li ghamel in kwantu l-kumpanija inkorriet f’diversi multi minhabba *late returns* tad-dokumenti relattivi li kellhom jigu sottomessi lid-Dipartimenti varji;

Mill-kumpless tal-provi u l-ezami l-aktar akkurat li setghet taghmel din il-Qorti, hi sodisfatta li ghandha tiffavorixxi ferm aktar lill-versjoni ta’ l-attur appellanti illi hu s-servizzi ghal liema impenja ruhu ezegwihom. Dan fuq l-istat tal-provi, u l-valur u l-kredibilita` li qed tinghata lix-xhieda ta’ l-attur. Ic-cirkostanza l-aktar fundamentali li ssahhah il-konvinciment tal-Qorti dwar dan l-aspett hi dik li sa fejn jikkoncerna lilu l-attur attiva ruhu biex jippresta l-hidma tieghu ta’ *accountant* fil-preparazzjoni tad-dokumenti u l-kontabilita` kollha necessarja ghal skop ta’ awditjar minn terzi, appozitament inkarigati bl-approvazzjoni ta’ l-istess rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta. Taht dan il-profil il-Qorti ttendi li ghandha tilqa’ t-tieni ilment ta’ l-appellanti in meritu ghall-prestazzjonijiet minnu maghmula kif sopportati mill-fatturi minnu emessi;

Premess dan, it-*thema probandum* fil-kaz tal-kontro-talba hu dak illi s-socjeta` konvenuta kellha ggib ‘il quddiem u ssostni l-fatti principali allegati, u hekk rilevanti ghal fini tad-decizjoni, illi, tabilhaqq, l-attur kien professjonalment negligenti fil-qadi ta’ dmirijietu. Hi kellha turi li l-attur kien

hati ta’ kolpa omissiva u tan-nuqqas ta’ ezercizzju ta’ dak id-dover li jagixxi biex ihares l-interessi taghha;

Ma ghandniex xi nghidu illi r-responsabilita` tal-professjonist ghad-danni trid tigi ezaminata fuq l-istregwa tad-dmirijiet inerenti ghall-izvolgiment ta’ l-attivita` tieghu. In partikulari, id-dover tad-diligenza, u li skond ir-regola komuni, ex-Artikolu 1132 Kodici Civili trid dejjem tigi ezercitata skond il-mudell tal-*bonus paterfamilias*. Dan qieghed jigi hekk rilevat b’certa insistenza in kwantu hu proprju dan il-mutur guridiku li jixpruna l-adempiment ta’ l-obbligazzjonijiet fil-kuntratti. Inghad a propozitu minn din l-istess Qorti illi “r-riferiment ghal dan il-mudell kellu ghall-appellanti jitraduci ruhu b’mod li hu jadempixxi l-obbigazzjonijiet tieghu skond in-natura tal-prestazzjoni minnu rikjesta u li jezegwixxi dik il-prestazzjoni skond il-kwalita` partikolari ta’ l-attivita` mitluba minnu. Dan b’mod professjonali u skond dik l-abbilta` teknika ghall-espletar tal-mansjoni determinata affidata lilu. F’din l-ezekuzzjoni kien dejjem, imbaghad, mistenni minghandu li jhares l-interessi tal-konvenut, fis-sens illi r-rendiment tieghu jaghti rizultat utli”. Ara “**David Kent Watson -vs- Margaret Agius**”, 12 ta’ Dicembru, 2008;

Issa fil-kaz prezenti, meta l-provi jigu filtrati kif imiss hi l-fehma ponderata ta’ din il-Qorti illi l-ebda negligenza professjonali ma kellha tigi attribwita lill-attur appellanti. Il-konsiderazzjonijiet li jsahhu dan il-konvinciment fil-Qorti huma dawn:-

1. Jekk kien hemm dewmien fis-sottomissjoni tat-*tax returns* jew ta’ l-*audited accounts* u ta’ l-*annual return* tali kellu jigi imputat lill-awditur responsabbli u mhux lill-attur – *accountant*. Mhux ta’ b’xejn li kif jinzel mill-atti istruttorji kellu jigi sostitwit aktar minn awditur wiehed. Hekk ad ezempju, kif spjegat mill-attur a fol. 251 *et sequitur*, fil-kaz tal-multa pretiza mill-MFSA, u li dwarha xehed Ivan Camilleri (fol. 68), kien jinkombi fuq l-awditur li jibghat l-*audited accounts* u l-*annual returns* ghas-snin 1999, 2000 u 2001;

2. Kwantu ghal multa pretiza mid-Dipartiment tal-VAT u li kienet l-unika imposta li thallset mis-socjeta` konvenuta, filwaqt li hu ammess li certi denunzji ddahhlu tardivament, dan gara ghall-fatt mhux imputabbli lill-attur izda ghaliex il-formoli relattivi ntbaghtu f’indirizz zbaljat. Dan hu anke kkonfermat mix-xhud tal-Maltapost Emma Vella a fol. 281. Dwar dan, kif attestat mid-dokument G26 a fol. 122, intbaghtet oggezzjoni lil VAT Department fit-22 ta’ Awissu 2001, izda b’danakollu r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta ghazel li xorta wahda jhallas il-multa. Certament, l-attur ma kellux jigi rinfaccjat ghal xi nuqqas jew b’akkuza ta’ negligenza;

3. Riferibilment ghall-multa rikjesta mis-C.I.R. ghandu jinghad illi apparti ma ngiebetx prova li s-socjeta` appellata hallset il-multa ta’ Lm440 (ara xhieda ta’ Gerald Zammit a fol. 84 *et sequitur*) effettivament jirrizulta bhala stat ta’ fatt skond dokument ottenut mill-attur, u esebit a fol. 240, illi dik il-multa kienet €46. Mhux dan biss ghaliex, kif spjegat mill-attur, mhux kontrastat mill-awditjar ghas-sena 2007, jigifieri hames snin fuq li kien temm ir-rapport tas-socjeta` appellata, l-ebda *provision* ma saret fl-*accounts* dwar il-multa li jinghad li kienet qeghda tigi domandata mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

4. Minn dan kollu premess, is-socjeta` appellata ma rnexxilhiex tipperswadi lil din il-Qorti b’xi inadempjenzi dovuti ghal xi inosservanza da parti ta’ l-attur fl-ezekuzzjoni ta’ l-operat tieghu. Jikkonsegwi illi d-denunzja ta’ negligenza fil-konfront tieghu mhix accettabbli, f’liema kaz din il-Qorti ser tiddisassocja ruhha mill-konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad ghal kollox il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, qeghda takkolji l-ilment ta’ l-attur u allura wkoll it-talba tieghu ghall-hlas tas-somma minnu pretiza bl-att promotur, ossija elf tmien mija erbgha u tmenin euro, tlieta u hamsin centezmu (€1884.53), bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------